# Il-Knisja ta' Sant'Anna fiż-Żebbiegħ

Kevin Muscat



Fl-inħawi taż-Żebbiegħ, qrib l-Imġarr ta' Malta, wieħed ma jistax ma jinnotax knisja kbira u moderna iddedikata lil Sant'Anna, Omm il-Verġni Mbierka. Il-knisja li naraw illum, hija frott tal-ħidma sfieqa tan-nies tal-inħawi illi dejjem kellhom ix-xewqa li jkollhom knisja qrib tagħhom għall-quddies u t-tagħlim spiritwali.

Jingħad li fis-seklu XVII kien hemm kappella ddedikata lil Santa Marija li ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer de Camarasa fl-1656. Dan jingħad f'viżta pastorali li saret mill-Isqof Rull fl-1757. Minn dak iż-żmien 'l hemm, ma kien hemm l-ebda knisja f'dawn l-inħawi, u n-nies taż-Żebbiegħ, kienu jinqdew mill-knisja ta' Santa Marija fl-Imġarr.

Jingħad ukoll illi meta ġiet biex tinbena l-knisja Parrokkjali l-ġdida tal-Imġarr, in-nies taż-Żebbiegħ xtaqu li din il-knisja tinbena fl-inħawi fejn illum hemm il-Qasam tad-Djar f'salib it-toroq, iżda din inbniet minflok il-kappella l-qadima fejn tinsab illum. Għalhekk kellhom biċċa triq mhux ħażin biex imorru għall-quddies, minbarra l-fatt illi t-toroq ma kinux tajbin bħal-lum.

Madwar is-sena 1920, Dun Vinċenz Caruana, fetaħ kappella proviżorja fl-inħawi taż-Żebbiegħ li kienet ukoll tintuża għad-duttrina. Madankollu, is-saqaf tagħha kien perikoluż u din kellha tingħalaq. Kellhom jgħaddu iktar minn 50 sena biex infetħet kappella oħra fl-inħawi. Fil-fatt, fi żmien il-Kappillan Dun Kalċ Vassallo fl-1974, beda jsir il-quddies fil-garaxx tas-Sur Ġanni Muscat, fit-telgħa taż-Żebbiegħ. Fil-fatt għad baqa' lapida fil-post li tfakkar li tqaddset l-ewwel quddiesa fih fit-28 ta' Jannar ta' dik is-sena. Iktar tard, il-quddies beda jsir fil-garaxx tas-Sur Piju Muscat, li fil-gwerra (1939-1945) kien maħżen tad-dqiq. Fl-istess żmien tlaqqa' kumitat biex tinbena knisja ikbar u iktar xierqa u f'dik l-istess sena, il-Baruni Salvinu Testaferrata Moroni Viani u ħutu, taw biċċa art biex fuqha tinbena l-knisja

b'ċentru pastorali magħha. Il-kuntratt sar quddiem in-Nutar J. Brincat fit-13 ta' Frar 1974, u fis-7 ta' Marzu tal-istess sena, wara funzjoni ta' talb tqiegħed salib fuq il-lok fejn kellha tinbena l-knisja.

Madankollu, kellu jgħaddi ħafna żmien biex il-knisja setgħet tinbena, u dan peress li l-permessi min-naħa tal-Gvern kienu damu ferm ma ħarġu. Fil-fatt kien fl-1986 fi żmien il-Kappillan Dun Lino Grech, li l-permess ingħata u l-bini seta' jibda. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tqiegħdet mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru 1987.

Il-bini tal-knisja dam għaddej ġmielu, u dan minħabba raġunijiet finanzjarji. Kien f'Settembru 2003, li l-istess Arċisqof fetaħ u bierek din il-knisja fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Fsadni. Sakemm il-knisja kienet lesta, il-quddies kien qed isir fis-sagristija minflok fil-kappella proviżorja u issa fl-aħħar seta' jsir fil-knisja.

Il-pjanta tal-knisja saret mill-Perit Carm Lino Spiteri. Hija ta' għamla kwadra b'gallarija kbira fuq kor, u żewġ daħliet fil-ġnub. Fuq wara, fiha sagristija kif ukoll kmamar li jintużaw għal skopijiet pastorali.

Ħafna mill-opri li fiha l-knisja, bħall-bibien, aperturi u bankijiet, saru bi flus in-nies li joqogħdu fl-inħawi u saħansita l-emigranti. Illum il-knisja tintuża għall-quddies nhar ta' Ħadd u f'xi ġranet matul il-ġimgħa u hija wkoll popolari għaċ-ċelebrazzjonijiet taż-żwieġ. Huwa l-ħsieb li xi darba 'l quddiem, il-knisja tkun ukoll ikkonsagrata u ddedikata lil Alla taħt it-titlu ta' Sant'Anna, Omm Marija Verġni.

**Referenza**

Deguara, Mons. Alwiġ, Il-Knisja taż-Żebbiegħ minn *L-Imġarr, il-Ħajja u l-Ħidma ta' niesu mill-qedem sal-lum*, Colour Image, 1999.



Swan lake Restaurant

Director: Joseph Gellel

Triq il-Gardiel, Marsascala

e-mail: gellel@swanlakerestaurant.com • web: www.swanlakerestaurant.com

**Tel / Fax: 2163 2776 • Mob. 9944 6560 • Res. 2163 7995**